VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,083, 6 ta' Novembru, 2018
Taqsima B

A.L. 363 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science - M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma fil-oqsma ta' studju rilevanti – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Kors ikun offrut f'oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien u li jaqgħu taħt ir-responsabbilità akkademika tal-Bord. Suġġett għall-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord jista' joffri wkoll kwalunkwe qasam ta' studju ieħor offrut mill-Fakultà ma oqsma ta' studju oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilita ta' entitatijiet akkademiċi oħra fi ħdan l-Università.

(2) L-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien ikunu ppubblikati mill-Bord qabel il-bidu ta' kull Kors u wara l-approvazzjoni tas-Senat, sakemm li fi kwalunkwe sena, l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien għandhom ikunu offruti skont id-disponibbilità tar-riżorsi.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) il-grad ta' Bachelor of Commerce minn din l-Università, fl-istess qasam jew f'oqsma ta' studju rilevanti għall-oqsma ta' studju magħżula, miksub mill-inqas b'Kategorija II u b'marka medja minima ta' 65% miksuba f'wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju proposti għall-Grad; jew

(b) il-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) minn din l-Università, fl-istess qasam jew f'oqsma ta' studju rilevanti għall-oqsma ta' studju magħżula, miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri:

sakemm li, il-Bord jista' jikkunsidra wkoll applikanti li għandhom grad miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jekk jissottomettu *portfolio* bbażat fuq tliet snin esperjenza f'oqsma rilevanti; jew

(ċ) il-grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Business and IT minn din l-Università, miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri; jew

(d) il-grad ta' Bachelor of Science in Business and Computing minn din l-Università, miksub mill-inqas b'Kategorija II u b'marka medja minima ta' 65% fil-qasam tal-Business:

sakemm li l-Bord jista' jikkunsidra wkoll applikanti li għandhom grad miksub b'Kategorija III jekk jissottomettu *portfolio* bbażat fuq tliet snin esperjenza f'oqsma rilevanti; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) grad tal-ewwel ċiklu minn din l-Università miksub mill-inqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew b'Kategorija II f'qasam li l-Bord iqis xieraq:

sakemm li dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jissottomettu *portfolio* bbażat fuq tliet snin esperjenza f'oqsma rilevanti;

u sakemm li, dawn l-applikanti jkunu meħtieġa jattendu għal intervista biex il-Bord ikun jista' jevalwa l-ħiliet tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt; jew

(f) grad tal-ewwel ċiklu minn kwalunkwe università li huwa ekwivalenti għall-kwalifiki msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) ta' dan l-ordinament.

5. F'ċertu każijiet, il-Bord jista' jeħtieġ lill-istudenti li jidħlu fil-Kors biex isegwu u jgħaddu minn taqsimiet studju supplimentari li għalihom hemm assenjati massimu ta' 12-il krettu ECTS, minbarra l-programm ta' studju speċifikat fl-ordinament 11.

6. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord għandu jħabbar l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu flimkien u l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7. Meta l-għadd ta' postijiet ikun limitat u n-numru ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, bil-piż tagħhom jiġi ppubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip u l-klassifika tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost;
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista; u
(d) ittra ta' motivazzjoni.

8. L-intervisti, meta meħtieġa għandhom ikunu mmexxija minn bord maħtur għal dan il-għan u magħmul tal-inqas minn tliet membri u mmexxi mid-Dekan tal-Fakultà jew id-delegat tiegħu jew tagħha.

9. Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom, kif stipulat fl-ordinament 4, kienu miksuba sal-31 ta' Awwissu ta' qabel il-bidu tal-Kors għandhom jiġu kkunsidrati l-ewwel.

It-Tul tal-Kors

10. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* li jinkludi l-perijodu tas-sajf.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Il-Programm ta' Studju

11. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u ma jkomplux bil-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif imsemmi fil-programm ta' studju tal-Kors b'marka mejda ta' mhux inqas minn 50%.

(4) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

12. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS jingħataw l-opportunità li joqogħdu mill-ġdid għall-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, ikunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

13. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' mhux aktar minn 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir primarjament matul it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) L-istudenti għandhom jissottomettu t-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar tal-ewwel semestru.

VERŻJONI ELETTRONIKA

14. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studju. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet li jew (a) jiġi estiż il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

15. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

It-Tħassir

16. L-Ordinamenti tal-2017 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Strategic Management and Marketing, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 241 tal-2017, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2018, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2018 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.